QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

Il-Kunsilli Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg ,Qala, fil-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Clint Camilleri – Sindku
Paul Buttigieg – Viċi Sindku
Paul Buttigieg – Kunsillier
Jesmond Borg – Kunsillier
Karl Buttigieg - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Clint Camilleri ippresjeda l-laqgħa.

## 20.1 Talba.

20.1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

20.2.1 Peress li l-minuti tad-dsatax il-laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 20.3 Approvazzjoni tar-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2016.

20.3.1 Gie trattat ir-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru 2016. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements.*

## 20.4 Approvazzjoni tal-*Annual Budget* (l-Estimi tad-dhul u ta' l-infiq) ghas-sena finanzjarja 2017.

20.4.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri kopji tad-*draft* ta' l-*Annual Budget* (l-estimi tad-dhul u tal-infiq) ghas-sena finanzjarja 2017. Is-Segretarja tat spejgazzjoni tieghu. Wara dan il-Kunsill unanimament approva l-*Annual Budget* (l-estimi) ghas-sena finanzjarja 2017.

## 20.5 Approvazzjoni tal-*Business Plan* 2017-2019.

20.5.1 Tqassmu lis-Sindku, lill-Vici Sindku u l-Kunsillieri lista tax-xogholijiet u progetti li behsiebu jaghmel il-Kunsill minn 2017-2019. Is-Segretarja tat spejgazzjoni ta' din il-lista. Gie deciz illi fil-*long term objectives* ghandu jizdied progett ta' *Master Plan* fi Pjazza San Guzepp li jinkludi l-*water culvert*. Wara dan, il-Kunsill unanimament approva din il-lista.

## 20.6 Andament tal-Karnival.

20.6.1 Is-Sindku semma li l-attivita` tal-Karnival li giet organizzata nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2017, ghal darba ohra, kienet ta' success.

## 20.7 Fondi tal-Unjoni Ewropea.

20.7.1 Is-Sindku semma li ser tigi ppreparatha applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex tittranga Triq ta' Gulju u t-Triq maghrufa bhala ta' Ghajn Hagar. Huwa semma li ghada ser ikollu laqgha mal-Perit Edward Scerri dwar din l-applikazzjoni.

## 20.8 Applikazzjonijiet mal-*Planning Authority* fiz-zona ta’ Hondoq ir-Rummien.

20.8.1 Gew diskussi diversi applikazzjonijiet mal-Awtorita` tal-Ippjanar fiz-zona ta’ Hondoq ir-Rummien li huma:

20.8.2 Il-Vici Sindku ta’ rendikont tal-laqgha li saret dwar id-decizjoni tal-applikazzjoni ghal-permess ta’ zvilupp bin-numru PA/07579/16 sabiex jinbidel l-uzu ta’ *store* ghal *souvenir shop* u li ghaliha kien prezenti hu flimkien ma’ Perit u Avukat f’isem il-Kunsill. Huwa semma li dan il-Perit u l-Avukat ser jithallsu €200 ghax-xoghol professjonali taghhom fuq dan il-kaz. Il-Vici Sindku ta’ spejgazzjoni fuq dak li ntqal waqt din il-laqgha li finalment waslet biex din l-applikazzjoni giet irrefjutatha. Il-Kunsill kien bghat ittra lill-Awtorita` dwar din l-applikazzjoni u ircieva *acknowledgement* mill-Awtorita` ghal din l-ittra.

20.8.3 Is-Sindku semma li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ssottomettaw applikazzjoni sabiex jaghmlu *reverse osmosis* gdid fid-distillatur ezistenti f’Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li huwa gie kkuntatjat mill-Ministeru ghal Ghawdex li xi erba` snin ilu kienu ser juzaw parti minn dan il-bini ghal progett iehor imma issa qed jipproponu li juzaw il-bini kollu ghal *reverse osmosis*. Is-Sindku semma li huwa flimkien mal-Vici Sindku kellhom laqgha mal-Korporazzjoni fejn dawn spejgaw f’hiex jikkonsisti l-progett. Il-Vici Sindku semma li ser jaghmlu *pipe* il-barra fil-bahar sabiex jitfghu l-ilma l-hazin il-boghod mill-*posidonia meadows* u li Alan Deidun qed jitkellem mal-Korporazzjoni minhabba dan. Il-Vici Sindku semma li ghandha jsir talba lill-Korporazzjoni sabiex x’hin ikun qed isir il-progett huma jibnu kamra ghall-haddiema li jiehdu hsieb lill-Hondoq. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-affarijiet ma sarux sewwa peress li l-konsultazzjonijiet bhal dawn kellhom isiru mal-Kunsill kollu u mhux ma xi membri tal-Kunsill biss u li huwa sar jaf b’xi haga dwar din il-materja minn fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni. Is-Sindku semma li x’hin ikkuntatjawh sabiex ikellmuh huwa lanqas biss kien jaf ghalxiex. Is-Sindku semma wkoll li l-progett hu bzonnjuz ghal Ghawdex ghax jekk isir hsara fis-sistema tal-ilma prezenti, wara ftit jiem Ghawdex jigi minghajr provvista tal-ilma. Il-Kunsillier Paul Buttigieg qal li jista` jkun li hu mehtieg li jsir u li mhuwiex kontra progett bhal dan izda bhal ma diga` semma, haga importanti bhal din irid ikun involut fiha l-Kunsill kollu halli jara f’hiex jikkonsisti. Wara gie deciz illi tintbghat ittra lic-*Chairman* CEO tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma Malta fejn jigi informat li wara laqgha tal-Kunsill Lokali Qala fejn giet diskussa l-applikazzjoni ghal permess ta’ zvilupp bin-numru PA 00937/17, il-Kunsill Lokali qed jitlob laqgha mieghu sabiex jigi spejgat f’hiex jikkonsisti dan il-progett propost u sabiex jigu ccarrati numru ta’ *issues* li jista` jhalli dan il-progett fuq il-bajja kif ukoll fuq dawk li jiffrekwentaw din l-istess bajja. Gie deciz ukoll li ghandha tintbghat ittra lill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn il-Kunsill Lokali jitlob laqgha mal-Awtorita` sabiex tigi diskussa din l-applikazzjoni ghax il-Kunsill irrid jkun involut fiha u li l-Kunsill jitlob li jkun registrat bhala *Objector* fl-istadji kollha tal-process ta’ l-applikazzjoni fuq imsemmija.

20.8.4 Giet diskussa wkoll applikazzjoni bin-numru PA 1206/17 sabiex jigi estiz *kiosk* fil-bajja ta’ Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra lill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn jitlob sabiex ikun *registered objector* fl-istadji kollha tal-process ta’ din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Justin Debono fejn talab il-veduti tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni.

## 20.9 Konferenza ECAD gewwa l-Lithuania.

20.9.1 Is-Sindku semma li ser isir l-Konferenza ECAD gewwa l-Lithuania. Huwa flimkien mal-Vici Sindku ser jattendu. Huwa semma li min hu interessat li jattendi, sabiex jinformah.

## 20.10 Jum il-Qala 2017.

20.10.1 Is-Sindku semma li Jum il-Qala 2017 ser jigi ccelebrat fl-ewwel gimgha ta' Gunju 2017.

## 20.11 Fuljett Lehen il-Kunsill.

20.11.1 Is-Sindku semma li ghandu jinhareg il-fuljett Lehen il-Kunsill u ghalhekk stieden lil membri kollha tal-Kunsill sabiex jippreparaw il-messaggi taghhom.

## 20.12 *Upgrading* tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

20.12.1 Il-Kunsill ircieva ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar rapport fuq is-sitwazzjoni tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard. Il-Kunsill iddiskuta li ghandhom jinbiddlu t-tapiti kif ukoll jinzebghhu l-fanali u l-bankijiet. Gie deciz li x-xoghol taz-zebgha ghandu jsir minn Laurie Cauchi haddiem assenjat mal-Kunsill. Dwar it-tapiti s-Sindku u l-Vici Sindku qablu li jmorru ikejlu l-*area* tat-tapiti halli jinxtraw tapiti godda. Il-Kunsill ircieva rapport iehor fuq is-sitwazzjoni ta' "Gnien il-Familja". Il-Kunsill qabel li ghandhom jsiru l-manutenzjonijiet mehtiega f'dan il-gnien ukoll.

## 20.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

20.13.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 12/2016 u SP 13/2016. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

## 20.14 Korrispondenza.

20.14.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

20.14.2 Ittra mibghuta minn Avv. Tatiane Scicluna Cassar Senior Legal Officer fil-Ministeru ghal Ghawdex li ghan-nom tad-Direttur ghal Progetti u Zvilupp interpellat sabiex fi zmien gimgha il-Kunsill ihallas l-ammont totali dovut ta' €1,246.73 xoghol li sar mill-haddiema ta' dan id-Dipartiment meta l-Kunsill kellu l-kuntratti mieghu ghas-servizzi fil-gnien tal-Belvedere u diversi *soft areas*. Il-Kunsill iddiskuta li dawn l-ammonti ma kienux thallsu peress li x-xoghol ma kienx qed isir u gew mqabbda haddiema ohra sabiex jaghmlu dan ix-xoghol. Kopja ta' din l-ittra ntbghatet lill-Avukata tal-Kunsill sabiex tirrispondi f'isem il-Kunsill.

20.14.3 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Joe Attard Kap Ezekuttiv tal-Green MT dwar twaqqif ta' servizz ta' gbir ta' skart riciklabbli.

20.14.4 Il-Kunsill bghat ittra lill-Joe Attard Kap Ezekuttiv tal-Green MT fejn gie informat li l-Kunsill ma ghazilx l-offerta taghhom tal-gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat).

20.14.5 Il-Kunsill bghat ittra lil Daniel Tabone – *Senior Operations Manager* tal-GreenPak Cooperative Society Ltd, fejn gie informat li l-Kunsill ghazel l-offerta taghhom tal-gbir ta' skart tal-ippakeggjar (skart separat).

20.14.6 Ftehim dwar il-gbir tal-iskart organiku mid-djar bejn il-Kunsill Lokali u l-WasteServ Malta Ltd., ghas-sena 2017.

20.14.7 Ittra minghand Denise Martin mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar risposta tal-Awtorita` dwar appell numru 222/16 fuq l-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp bin-numru PA/03798/02 *construction of a destination port comprising a hotel, a yacht marina and a tourist village* f'Hondoq ir-Rummien.

Giet trattata din il-materja:

Is-Sindku semma li jrid isir ftit konkos fuq il-hajt tas-sajjieh li kien inbena f'parti minn Triq Wied Simar fejn kienet saret it-triq bil-konkos. Huwa semma wkoll li jridu jimtlew xi toqob bil-konkos fi Triq maghrufa bhala ta' Ghajn Hagar. Il-Kunsill qabel ma dan.

Giet diskussa il-kwistjoni fuq il-hin tal-gbir tal-iskart fil-lokalita`. Gie diskuss li f'certu bnadi z-zibel qed jingabar qabel is-7:00 ta' filghodu. Id-*driver* tal-iscammel Marjanu ma jistax jigi fit-8:00 u lanqas fis-7:30 ta' filghodu ghax ma jistax ilahhaq. Il-Vici Sindku semma li Marjanu qed iwahhal fih li huwa qed jaqla din il-kwistjoni. Is-Sindku semma li fuq *facebook* ukoll kien hemm xi ilmenti. Il-Vici Sindku semma li huwa iltaqa` ma dan Marjanu fil-Pjazza u kelmu bilmod fejn kull ma qallu kienet li biex jibda l-gbir aktar tard. Il-Vici Sindku qal li dan beda jghajjat u ghan-naqra m'offendiehx u qallu wkoll li huwa biss qed jikkomplanja fuq il-hin tal-gbir. Il-Vici Sindku semma li cempel lil Laurie Zammit tal-Koperattiva Indafa Pubblika Ltd. u dan qallu li mill-Kunsill hadd ma cempel fuq din il-kwistjoni. Il-Kunsill iddecida li ghall-laqgha li jmiss tal-Kunsill ghandu jigi mistieden Laurie Zammit sabiex tigi diskussa din il-kwistjoni.

Nhar il-Gimgha 3 ta' Frar 2017 saret il-laqgha mal-Isqof t'Ghawdex l-Ecc. Mario Grech li kienet parti miz-zjarat li ghamel l-Isqof fil-lokalita` tal-Qala.

Ghall-laqgha tal-lokalita` li saret ukoll nhar il-Gimgha 3 ta' Frar 2017, m'attenda hadd.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-28 ta' Jannar 2017 sal-14 ta' Marzu 2017 minn referenza numru 21/17 sa referenza numru 57/17 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 5/17 sa referenza numru 22/17 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

20.15 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

20.15.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:00 ta' filghaxija u ġiet aġġornata għall-Gimgha 28 ta' April 2017 fis-6:30 ta' filghaxija.

Konfermati, illum il-Gimgha 28 ta' April 2017.

Clint Camilleri | Marcia Borg
Sindku | Segretarju Eżekuttiv